

DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/2130

tas-17 ta' Diċembru 2020

li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarus

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarus⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarus.
- (2) Fid-9 ta' Awwissu 2020, il-Belarus wettqet elezzjonijiet presidenzjali, li nstab li kienu inkonsistenti mal-istandards internazzjonali u li kienu mxejjla mir-repressjoni ta' kandidati indipendenti u repressjoni brutali fuq dimostranti paċifiċi wara daww l-elezzjonijiet. Fil-11 ta' Awwissu 2020, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li tqis li l-elezzjonijiet la kienu liberi u lanqas ma kienu ġusti. Ġie ddikjarat ukoll li setgħu jittieħdu miżuri kontra daww responsabbli għall-vjolenza, l-arrests mhux ġustifikati u l-falsifikazzjoni tar-riżultati tal-elezzjoni.
- (3) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2020/1388⁽²⁾ li ddeżinjat 40 persuna identifikati bħala responsabbli għar-repressjoni u l-intimidazzjoni ta' dimostranti paċifiċi, membri tal-oppożizzjoni u ġurnalisti wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarus, kif ukoll għall-irregolaritajiet min-naħa tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tal-proċess elettorali għal daww l-elezzjonijiet.
- (4) Fis-6 ta' Novembru 2020, fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarus, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2020/1650⁽³⁾, li ddeżinjat lil Alexandr Lukashenko u 14-il persuna oħra, fosthom persuni qrib haġna tiegħu.
- (5) Fid-19 ta' Novembru 2020, il-Kunsill qabel li jipproċedi bit-tnejja ta' sett ulterjuri ta' sanzjonijiet, bħala reazzjoni għall-brutalità tal-awtoritajiet Belarussi u b'appoġġ għad-drittijiet demokratiċi tal-poplu Belarussu.
- (6) Fid-dawl tar-repressjoni li għaddejja tas-soċjetà ċivili fil-Belarus, 29 persuna u 7 entitajiet jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (7) L-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

⁽¹⁾ ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

⁽²⁾ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1388 tat-2 ta' Ottubru 2020 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarus (ĠU L 319I, 2.10.2020, p. 13).

⁽³⁾ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1650 tas-6 ta' Novembru 2020 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarus (ĠU L 370 I, 6.11.2020, p. 9).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
S. SCHULZE

L-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) jiżdied it-titolu li ġej:

“Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1)”;

(2) -intestatura tat-tabella tiġi sostitwita bi:

“A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1)”;

(3) jiżdiedu l-persuni fiżiċi li ġejjin:

	Ismijiet Traskrizzjoni ta’ ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta’ ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
“60.	Anatol Aliksandra- vich SIVAK Anatoli Aleksandro- vich SIVAK	Анатоль Аляксандравіч СІВАК	Анатолий Александрович СИВАК	Viċi Prim Ministru, eks President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta’ Minsk Data tat-twelid: 19.7.1962 Post tat-twelid: Zavoi, Distrett ta’ Narovlya, Gomel/Homyel Oblast, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Belarusja) Sess: raġel	Fil-kapaċità ta’ tmexxija preċedenti tiegħu bħala President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta’ Minsk, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta’ repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat lokali f’Minsk taħt is-sorveljanza tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b’mod partikolari bl-arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta’ dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa għamel bosta dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom ikkritika l-protesti paċifiċi li kienu qed iseħħu fil-Belarusja. Fil-pożizzjoni ta’ tmexxija attwali tiegħu bħala Viċi Prim Ministru huwa jkompli jappoġġa r-reġim ta’ Lukashenka.
61.	Ivan Mikhailavich EISMANT Ivan Mikhailavich EISMONT	Іван Міхайлавіч ЭЙСМАНТ	Иван Михайлович ЭЙСМОНТ	President tal-Kumpannija Nazzjonali tat-Televiżjoni u tar-Radju tal-Istat, Kap tal-Kumpannija Belteleradio Data tat-twelid: 20.1.1977 Post tat-twelid: Grodno//Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Belarusja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni attwali tiegħu bħala l-Kap tal-Kumpannija tat-Televiżjoni u tar-Radju tal-Istat tal-Belarusja, huwa responsabbli għat-tixrid tal-propaganda tal-istat fil-media pubblika u jkompli jappoġġa lir-reġim ta’ Lukashenka. Dan jinkludi l-użu ta’ mezzi tal-media biex tiġi appoġġata l-kontinwazzjoni tal-mandat tal-President, minkejja l-elezzjonijiet presidenzjali frawdolenti li saru fid-9 ta’ Awwissu 2020, u r-repressjoni vjolenti sussegwenti u ripetuta fuq protesti paċifiċi u leġittimi. Eismont għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom kkritika tad-dimostranti paċifiċi u rrifjuta li jipprovi rappurtaġġ mill-mezzi tax-xandir tal-protesti. Taħt it-tmexxija tiegħu, huwa keċċa wkoll lill-impjegati tal-Kumpannija Belteleradio li hađu sehem fi strajk, u b’hekk huwa responsabbli għal ksur ta’ drittijiet tal-bniedem.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
62.	Uladzimir Stsiapanavich KARANIK Vladimir Stepanovich KARANIK	Уладзімір Сцяпанавіч КАРАЊІК	Владимир Степанович КАРАЊІК	Gvernatur ta' Grodno/Hrodna Oblast, eks Ministru għall-Kura tas-Saħħa Data tat-twelid: 30.11.1973 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Belarusija Sess: raġel)	Fil-kapaċità ta' tmexxija preċedenti tiegħu bħala l-Ministru għall-Kura tas-Saħħa, huwa kien responsabbli għall-użu tas-servizzi tal-kura tas-saħħa għar-repressjoni tad-dimostranti paċifiċi, inkluż bl-użu ta' ambulanzi biex jittrasportaw lil dimostranti li kienu jeħtieġu assistenza medika lejn swali ta' iżolament, minflok lejn spartarjiet. Huwa għamel bosta dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom ikkritika l-protesti paċifiċi li kienu qed iseħħu fil-Belarusija, u darba minnhom akkuża lil dimostrant li kien qiegħed taħt l-influenza tax-xorb jew tad-drogi. Fil-pożizzjoni ta' tmexxija attwali tiegħu bħala l-Gvernatur ta' Grodno/Hrodna Oblast huwa jkompli jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.
63.	Natallia Ivanauna KACHANAVA Natalia Ivanovna KOCHANOVA	Наталля Іванаўна КАЧАНАВА	Наталья Ивановна КОЧАНОВА	President tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tal-Belarusija Data tat-twelid: 25.9.1960 Post tat-twelid: Polotsk, Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Belarusija) Sess: mara	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija attwali tagħha bħala President tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tal-Belarusija, hija responsabbli talli appoġġat id-deċiżjonijiet tal-President fil-qasam tal-politika domestika. Hija wkoll responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet frawdolenti li saru fid-9 ta' Awwissu 2020. Hija għamlet dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom iddefendiet ir-repressjoni brutali tal-apparat tas-sigurtà fuq dimostranti paċifiċi.
64.	Pavel Mikalaevich LIONKI Pavel Nikolaevich LIONKI	Павел Мікалаевіч ЛЁЃКІ	Павел Николаевич ЛЁЃКИЙ	L-Ewwel Viċi Ministru għall-Infommazzjoni Data tat-twelid: 30.5.1972 Post tat-twelid: Baranavichy, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Belarusija) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Ministru għall-Infommazzjoni, huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari għad-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Infommazzjoni li jitwaqqaf l-aċċess għal siti web indipendenti u jillimita l-aċċess għall-Internet fil-Belarusija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, bħala għodda ta' repressjoni tas-soċjetà ċivili, tad-dimostranti paċifiċi u tal-ġurnalisti.
65.	Ihar Uladzimiravich LUTSKY Igor Vladimirovich LUTSKY	Ігар Уладзіміравіч ЛУЦКІ	Игорь Владимирович ЛУЦКИЙ	Ministru għall-Infommazzjoni Data tat-twelid: 31.10.1972 Post tat-twelid: Stolin, Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Belarusija) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Ministru għall-Infommazzjoni, huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari għad-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Infommazzjoni li jitwaqqaf l-aċċess għal siti web indipendenti u jillimita l-aċċess għall-Internet fil-Belarusija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, bħala għodda ta' repressjoni tas-soċjetà ċivili, tad-dimostranti paċifiċi u tal-ġurnalisti.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
66.	Andrei Ivanavich SHVED Andrei Ivanovich SHVED	Андрэй Іванавіч ШВЕД	Андрей Иванович ШВЕД	Prosekutur Ġenerali tal-Belarusjsja Data tat-twelid: 21.4.1973 Post tat-twelid: Glushkovichi, Oblast ta' Gomel/Homyel, eks Unjoni Sovje- tika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Prosekutur Ġenerali tal-Belarusjsja, huwa responsabbli għar-repressjoni li għaddeja tas-soċjetà ċivili u l- oppożizzjoni demokratika, b'mod partikolari għat-tnedija ta' bosta proċedimenti kriminali kontra dimostranti paċifiċi, mexxeja tal- oppożizzjoni u ġurnalisti wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020. Huwa għamel ukoll dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom hedded lil dawk li pparteċipaw f'manifestazzjonijiet mhux awtorizzati b'kasting.
67.	Genadz Andreevich BOGDAN Gennady Andreie- vich BOGDAN	Генадзь Андрэевіч БОГДАН	Геннадий Андреевич БОГДАН	Viċi Kap tad-Direttorat tal-Ġestjoni tal-Proprietà tal-President tal-Bela- russja Data tat-twelid: 8.1.1977 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tad-Direttorat tal-Ġestjoni tal- Proprietà tal-President tal-Belarusjsja, huwa jissorvelja l- funzjonament ta' bosta intrapriżi. Il-korp taħt it-tmexxija tiegħu jipprovi appoġġ finanzjarju, materjali u tekniku, soċjali, domestiku u mediku lill-apparat tal-istat u l-awtoritajiet repubblikani. Huwa assoċjat mill-qrib mal-President u għadu jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.
68.	Ihar Paulavich BUR- MISTRAU Igor Pavlovich BUR- MISTROV	Ігар Паўлавіч БУР- МІСТРАЎ	Игорь Павлович БУР- МИСТРОВ	Kap tal-Persunal u l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni tal- Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 30.9.1968 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kmandant tat- Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mit-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari għall-arresti arbitrariji u t- trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.
69.	Arciom Kanstantina- vich DUNKA Artem Konstantino- vich DUNKO	Арыём Канстанцінавіч ДУНЬКА	Арте́м Константинович ДУНЬКО	Spettur Anzjan għal Kwistjonijiet Speċjali tad-Dipartiment tal- Investigazzjonijiet Finanzjarji tal- Kumitat tal-Kontroll tal-Istat Data tat-twelid: 8.6.1990 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Spettur Anzjan għal Kwistjonijiet Speċjali tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill- apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bl-investigazzjonijiet immedja dwar il-mexxeja u l- attivi tal-oppożizzjoni.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
70.	Aleh Heorhievich KARAZIEI Oleg Georgevich KARAZEI	Алег Георгіевіч КАРАЗЕЙ	Олег Георгиевич КАРАЗЕЙ	Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 1.1.1979 Post tat-twelid: Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Belarusja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bl-arresti arbitrari u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti.
71.	Dzmitry Aliaksan- dravich KURYAN Dmitry Aleksandro- vich KURYAN	Дзмітрый Аляксандравіч КУРЯН	Дмитрий Александрович КУРЯН	Kurunell tal-Pulizija, Viċi Kap tad- Dipartiment Ewlieni u Kap tad- Dipartiment tal-Infurzar tal-Liġi fil- Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 3.10.1974 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Kurunell tal-Pulizija u Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni u Kap tad-Dipartiment tal-Infurzar tal-Liġi fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bl-arresti arbitrari u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti.
72.	Aliaksandr Henryka- vich TURCHIN Aleksandr Henriho- vich TURCHIN	Аляксандр Генрыхавіч ТУРЧЫН	Александр Генрихович ТУРЧИН	President tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk Data tat-twelid: 2.7.1975 Post tat-twelid: Novogrudok, Oblast ta' Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sov- jetika (issa l-Belarusja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-President tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk, huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-amministrazzjoni lokali, inkluż numru ta' kumitati. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.
73.	Dzmitry Mikalaevich SHUMILIN Dmitry Nikolayevich SHUMILIN	Дзмітрый Мікалаевіч ШУМІЛІН	Дмитрий Николаевич ШУМИЛИН	Viċi Kap tad-dipartiment għall-avve- nimenti tal-massa tal-GUVD (id- Dipartiment Ewlieni tal-Affarijiet Interni) tal-Kumitat Eżekuttiv tal- Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 26.7.1977 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kap tad-dipartiment għall-avvenimenti tal-massa tal-GUVD tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat lokali wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bl-arresti arbitrari u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa ddokumentat li qed jieħu sehem personalment fid-detenzjoni illegali ta' dimostranti paċifiċi.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
74.	Vital Ivanavich STA-SIUKEVICH Vitalyi Ivanovich STASIUEVICH	Віталь Іванавіч СТАСЮКЕВІЧ	Виталий Иванович СТАСЮКЕВИЧ	Viċi Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika fi Grodno/Hrodna Data tat-twelid: 5.3.1976 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Belarusja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika fi Grodno/Hrodna, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bl-arresti arbitrari u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda huwa ssorvelja personalment id-detenzjoni illegali ta' dimostranti paċifiċi.
75.	Siarhei Leanidavich KALINNIK Sergei Leonidovich KALINNIK	Сяргей Леанідавіч КАЛІННІК	Сергей Леонидович КАЛІННІК	Kurunell tal-Pulizija, Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Sovetsky ta' Minsk Data tat-twelid: 23.7.1979 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Sovetsky ta' Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bl-arresti arbitrari u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda huwa ssorvelja personalment u ħa sehem fit-tortura ta' dimostranti detenuti illegalment.
76.	Vadzim Siarhaevich PRYGARA Vadim Sergeevich PRIGARA	Вадзім Сяргеевіч ПРЫГАРА	Вадим Сергеевич ПРИГАРА	Logutenent Kurunell tal-Pulizija, Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali f'Molodechno Data tat-twelid: 31.10.1980 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali f'Molodechno, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bl-arresti arbitrari u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda, huwa ssorvelja personalment is-swat ta' dimostranti detenuti illegalment. Huwa għamel ukoll bosta dikjarazzjonijiet derogatorji dwar id-dimostranti lill-media.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
77.	Viktar Ivanavich STANISLAUCHYK Viktor Ivanovich STANISLAVCHIK	Віктар Іванавіч СТА- НІСЛАЎЧЫК	Виктор Иванович СТАНИСЛАВЧИК	Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika Data tat-twelid: 27.1.1971 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal- Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk u Kap tal-Pulizija tas- Sigurtà Pubblika, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bl- arresti arbitrari u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra għurnalisti. Skont ix-xhieda, huwa ssorvelja personalment id-detenzjoni ta' dimostranti paċifiċi u s-swat ta' daww detenuti illegalment.
78.	Aliaksandr Aliaksan- dravich PIETRASH Aleksandr Aleksan- drovich PETRASH	Аляксандр Аляксандравіч ПЕТРАШ	Александр Александрович ПЕТРАШ	President tal-qorti tad-distrett ta' Moskovski f'Minsk Data tat-twelid: 16.5.1988 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala president tal-qorti tad-distrett ta' Moskovski f'Minsk, huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra għurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u dipendenza fuq dikjarazzjonijiet minn xhieda foloz. Huwa kien strumentali fl-immultar u d-detenzjoni ta' dimostranti, għurnalisti u mexxejja tal-oppożizzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d- dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas- soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
79.	Andrei Aliaksandra- vich LAHUNOVICH Andrei Aleksandro- vich LAHUNOVICH	Андрэй Аляксандравіч ЛАГУНОВІЧ	Андрей Александрович ЛАГУНОВИЧ	Imhalef tal-qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Gomel/Homyel Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mhalef tal-qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Gomel/Homyel, huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra għurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d- dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas- soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
80.	Alena Vasileuna LIT- VINA Elena Vasilevna LIT- VINA	Алена Васільеўна ЛІТВИНА	Елена Васильевна ЛИТВИНА	Imħallef tal-qorti tad-distrett ta' Leninsky f'Mogilev Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Leninsky f'Mogilev, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Sjarhei Tsikhanousky – attivist tal-oppożizzjoni u r-raġel tal-kandidat presidenzjali Svetlana Tiskhanouska. Waqt proċessi mwettqa taħt is-supervizzjoni tagħha kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfen tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
81.	Victoria Valeryeuna SHABUNYA Victoria Valerevna SHABUNYA	Вікторыя Валер'еўна ШАБУНЯ	Виктория Валерьевна ШАБУНЯ	Imħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk Data tat-twelid: 27.2.1974 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Sergei Dylevsky - membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni u mexxej ta' kumitat tal-istrajk. Waqt proċessi mwettqa taħt is-supervizzjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfen tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
82.	Alena Aliaksan- dravna ZHYVITSA Elena Aleksandrovna ZHYVITSA	Алена Аляксандравна ЖЫВІЦА	Елена Александровна ЖИВИЦА	Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk Data tat-twelid: 9.4.1990 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-supervizzjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfen tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
83.	Natallia Anatolievna DZIADKOVA Natalia Anatolievna DEDKOVA	Наталля Анатольеўна ДЗЯДКОВА	Наталья Анатольевна ДЕДКОВА	Imhalled tal-Qorti tad-distrett ta' Partizanski f'Minsk Data tat-twelid: 2.12.1979 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mhalled tal-Qorti tad-distrett ta' Partizanski f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-mexxej tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni Mariya Kalesnikava. Waqt proċessi mwettqa taħt is-supervizzjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfen tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
84.	Maryna Arkadzeuna FIODARAVA Marina Arkadievna FEDOROVA	Марына Аркадзеўна ФЁДАРАВА	Марина Аркадьевна ФЕДОРОВА	Imhalled tal-Qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Minsk Data tat-twelid: 11.9.1965 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mhalled tal-Qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-supervizzjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfen tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
85.	Yulia Chaslavauna HUSTYR Yulia Cheslavovna HUSTYR	Юлія Чаславаўна ГУСТЫР	Юлия Чеславовна ГУСТЫР	Imhalled tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk Data tat-twelid: 14.1.1984 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mhalled tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktor Babarika. Waqt proċessi mwettqa taħt is-supervizzjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfen tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
86.	Alena Tsimafeeuna NYAKRASAVA Elena Timofeevna NEKRASOVA	Алена Цімафееўна НЯКРАСАВА	Елена Тимофеевна НЕКРАСОВА	Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Zavodsky f'Minsk Data tat-twelid: 26.11.1974 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Zavodsky f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-supervizzjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d- dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas- soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
87.	Aliaksandr Vasilevich SHAKUTSIN Aleksandr Vasilevich SHAKUTIN	Аляксандр Васільевіч ШАКУЦІН	Александр Васильевич ШАКУТИН	Negożjant, sid tal-impriża Amhodor Data tat-twelid: 12.1.1959 Post tat-twelid: Bolshoe Babino, Orsha Rayon, Oblast ta' Vitebsk/ Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Belarussja) Sess: raġel	Huwa wieħed min-negożjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, b'interessi kummerċjali fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-bini tal- magni, tal-agrikoltura u oħrajn. Huwa rrapportat li huwa wieħed mill-persuni li bbenefikaw l-aktar mill-privatizzazzjoni matul il-mandat ta' Lukashenko bħala President. Huwa wkoll membru tal-presidju tal-assoċjazzjoni pubblika favur Lukashenka "Belaya Rus" u membru tal-Kunsill għall-Iżvilupp tal-Intraprenditorija fir-Repubblika tal-Belarussja. Bħala tali qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah. F'Lulju 2020 huwa għamel kummenti pubbliċi li jikkundannaw il- protesti tal-oppożizzjoni fil-Belarussja, u b'hekk ikkontribwixxa għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.
88.	Mikalai Mikalaevich VARABEI/VERABEI Nikolay Nikolaevich VOROBAY	Мікалай Мікалаевіч ВАРАБЕЙ/ВЕРАБЕЙ	Николай Николаевич ВОРОБЕЙ	Negożjant, koproprietarju tal-grupp Bremino Data tat-twelid: 4.5.1963 Post tat-twelid: SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna) Sess: raġel	Huwa wieħed min-negożjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, b'interessi kummerċjali fis-setturi taż-żejt, tat-tranżitu tal-faħam, tal- banek u oħrajn. Huwa l-koproprietarju tal-grupp Bremino – kumpannija li gawdiet minn ħelsien mit-taxxa u forom oħra ta' appoġġ mill- amministrazzjoni Belarussa. Bħala tali qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.”;

(4) jiżdziedu l-intestatura u t-tabella li ġejjin:

“B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemminja fl-Artikolu 4(1)

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
1.	CJSC Beltechexport	ЗАО 'Белтехэкспорт'	Indirizz: Nezavisimosti ave. 86-B,, Minsk 220012, Belarus Tel. +375 17 358 83 83; +375 17 373 80 12 Sit web: https://bte.by/ Indirizz elettroniku: mail@bte.by	CJSC BelTechExport hija entità privata li tesporta armi u tagħmir militari prodotti minn kumpanniji tal-istat tal-Belarus u lejn pajjiżi fl-Afrika, l-Amerka t'Isfel, l-Asja u l-Lvant Nofsani. BelTechExport hija assoċjata mill-qrib mal-Ministeru tad-Difiża tal-Belarus. Bħala tali Beltechexport qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah, billi ġġib benefiċċji għall-amministrazzjoni presidenzjali.	17.12.2020
2.	Dana Holdings/Dana Astra	Дана Холдингз/Дана Астра	Indirizz: P. Mstislavtsa 9 (1st floor), Minsk 220114, Belarus Numru tar-reġistrazzjoni: Dana Astra: 191295361 Sit web: https://dana-holdings.com/ Indirizz elettroniku: PR@bir.by Tel. +375 17 26 93 290; +375 17 39 39 465	Dana Holdings/Dana Astra hija waħda mill-iżviluppaturi u l-kostrutturi ewlenin tal-proprjetà immobbli fil-Belarus. Il-kumpannija rċeviet plottijiet ta' art għall-iżvilupp ta' diversi kumpleksi residenzjali kbar u ċentri tan-negozju. Is-sidien ta' Dana Holdings/Dana Astra għandhom relazzjonijiet mill-qrib ma' Alexandr Lukashenka. Liliya Lukashenko, bint tar-rispett tal-President, għandha pożizzjoni ta' kariga għolja fil-kumpannija. Bħala tali Dana Holdings/Dana Astra qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	17.12.2020
3.	GHU - l-istituzzjoni statali "L-Uffiċċju Ekonomiku Ewlieni" tal-Uffiċċju tal-Affarijiet Amministrattivi tal-President tar-Repubblika tal-Belarus	ГХУ - Государственное учреждение 'Главное хозяйственное управление' Управления делами Президента Республики Беларусь	Indirizz: Miasnikova str. 37, Minsk, 220010, Belarus Tel. +375 17 222 33 13 Sit web: http://ghu.by Indirizz elettroniku: ghu@ghu.by	GHU huwa l-akbar operatur fis-suq tal-proprjetà immobbli mhux residenzjali fil-Belarus u superviżur ta' bosta kumpanniji. Il-Kap tal-GHU, Victor Sheiman, intalab minn Alexandr Lukashenko biex jissorvelja s-sikurezza tal-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020. Bħala tali l-GHU qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	17.12.2020
4.	LLC Synesis	ООО 'Синезис'	Indirizz:,, Platonova 20B Minsk 220005,, Belarus; Mantulinskaya 24, Moscow 123100, Russia. Numru tar-reġistrazzjoni (YHH/ИHH): 190950894 (Belarus); 7704734000/770301001 (Russja).	LLC Synesis tipprovdi lill-awtoritajiet tal-Belarus bi pjattaforma ta' sorveljanza, li tista' tfittex u tanalizza filmati u tuża software ta' rikonossiment tal-wiċċ, li jagħmel lill-kumpannija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-Istat fil-Belarus. L-impjegati ta' Synesis huma pprojbiti milli jikkomunikaw bil-Belarus, u għalhekk il-kumpannija hi responsabbli għal dgħajfien tad-drittijiet tax-xogħol. Il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Istat tal-Belarus (KGB) u l-Ministeru tal-Affarijiet Interni huma elenkati bħala utenti ta' sistema maħluqa minn Synesis. Il-kumpannija għalhekk qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	17.12.2020

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
			Sit web: https://synesis.partners ; https://synesis-group.com/ Tel. +375 17 240-36-50	L-uffiċjal kap eżekuttiv ta' Synesis Alexander Shatrov ikkritika pub- blikament lil dawh li pprotestaw kontra r-reġim ta' Lukashenka u ddeskriva n-nuqqas ta' demokrazija fil-Belarussja bħala relattiv.	
5	AGAT electromechanical Plant OJSC	ОАО 'АГАТ-электро- механический завод'	Indirizz:, Minsk. Nezavisimosti ave. 115, Minsk 220114, Belarus Tel. + 375 17 272-01-32 + 375 17 570-41-45 Indirizz elettroniku: marketin- g@agat-emz.by Sit web: https://agat-emz.by/	AGAT Electromechanical Plant OJSC hija parti mill-Awtorità tal- Istat tal-Belarussja għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal- Belarussja (magħrufa wkoll bħala SAMI jew Kumitat Industrijali Militari tal-Istat), li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal- politika militari-teknika tal-Istat u hija subordinata għall-Kunsill tal- Ministri u l-President tal-Belarussja. Bħala tali AGAT Electromechanical Plant OJSC qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. Il-kumpannija timmanifattura "Rubezh" – sistema ta' ostakli mfassla għall-kontroll tal-irvellijiet, li ntużat kontra dimostrazzjonijiet paċifiċi li seħħew wara l-elezzjonijiet presidenzjali fid- 9 ta' Awwissu 2020, u għalhekk il-kumpannija hi responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
6.	OJSC 140 Repair Plant	ОАО '140 ремонт- ный завод	Indirizz: L. Chalovskoy str. 19, Borisov, Belarus Tel. + 375 17 776 20 32; +375 17 776 54 79 Indirizz elettroniku: info@140zavod.org Sit web: https://140zavod.org	OJSC 140 Repair Plant hija parti mill-Awtorità tal-Istat tal- Belarussja għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja (magħrufa wkoll bħala SAMI jew Kumitat Industrijali Militari tal- Istat), li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika militari-teknika tal-Istat u hija subordinata għall-Kunsill tal-Ministri u l-President tal-Belarussja. Bħala tali OJSC 140 Repair Plant qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah.	17.12.2020

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Belarussa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
				Il-kumpannija timmanifattura vetturi tat-trasport u vetturi armati, li ntużaw kontra dimostrarazzjonijiet paċifiċi li seħħew wara l-elezzjonijiet presidenzjali fid-9 ta' Awwissu 2020, u b'hekk il-kumpannija saret responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	
7.	(OJSC MZKT/MWPT (magħrufa wkoll bħala VOLAT) Minsk Wheel Tractor Plant	ОАО “МЗКТ” - Минский завод колёсных тягачей	Indirizz: Partizanski ave 150, Minsk 220021,Belarus Tel. +375 17 330 17 09 Fax +375 17 291 31 92 Indirizz elettroniku: link@mzkt. by Indirizz elettroniku: Sit web: www.mzkt.by	OJSC MZKT (magħrufa wkoll bħala VOLAT) hija parti mill-Awtorità tal-Istat tal-Belarussja għall-Industrija Militari tar-Repubblika tal-Belarussja (magħrufa wkoll bħala SAMI jew Kumitat Industrijali Militari tal-Istat), li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika militari-teknika tal-Istat u hija subordinata għall-Kunsill tal-Ministri u l-President tal-Belarussja. Bħala tali OJSC MZKT (magħrufa wkoll bħala VOLAT) qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. Il-ħaddiema ta' OJSC MZKT li pprotestaw matul iż-żjara ta' Alexandr Lukashenko fil-fabbrika u bdew strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja tkeċċew, u dan jagħmel il-kumpannija reponsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem.	17.12.2020".